MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Talba Numru. 517/2004

**The Stadium (Gzira) Company Limited (C264) u b'digriet tat-Tribunal tat-28 t'Ottubru, 2004 giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju fis-sens li s-socjeta' attrici hija Capiferri Limited**

**Vs**

**Raymond Debono (I.D. 326156(M))**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mitejn u tmenin lira Maltin (Lm1,280) rapprezentanti kera dovuta ghall-iskadenzi 1 ta' Marzu, 2003 u 1 ta' Marzu, 2004 fuq fond, proprjeta' tas-socjeta' attrici, lokat lill-konvenut.

Illi l-konvenut Raymond Debono jikri minghand is-socjeta' attrici l-garaxx sitwat Ta' Xbiex, Ta' Xbiex Sea Front, li jgib in-numru ittra F4 u dana versu l-kera pattwita ta' sitt mija

w erbghin lira Maltin (Lm640) fis-sena pagabbli sena bil-quddiem.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittra Legali datata 3 ta' Marzu, 2004 u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-PL Joanna Dingli tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------